MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 859/2002

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**vs.**

**Lapsi Holdings Limited bhala debitur principali u William Caruana, Charles Camilleri, Edward Ellul u martu Kim Burglund Ellul u Cloisters Walk Limited bhala garanti solidali, solidament bejniethom u ma' l-istess debitur principali.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 24 ta' Lulju 2002 a fol. 1 tal-process ipprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph R.Micallef fejn gie premess:-

Illi l-kumpannija konvenuta Lapsi Holdings Limited hija debitrici tal-Bank attur fl-ammont globali ta' miljun u tlettax-il elf, tliet mija u hmistax-il lira Maltija u hamsin centezmi (Lm1,013,315.50) *oltre* l-imghax mid-29 ta' Marzu 2002 dovut lill-istess Bank kif jinghad hawn taht:

a) Dsatax-il elf, hames mija u sitta u tmenin lira Maltija u sitta u tmenin centezmu (Lm19,586.86) dovuti lill-Bank attur in kwantu ghal tmientax-il elf, tmien mija u tnejn u hamsin lira Maltija u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm18,852.28) fuq *"Overdraft Account"* bin-numru 006-069744-003 u r-rimanenti seba' mija u erbgha u tletin lira Maltija u tmienja u hamsin centezmu (Lm734.58) bhala imghax fuq l-istess "Overdraft Account" sat-28 ta' Marzu 2002 kif jirrizulta mill-I*statement* anness bhala Dok ‘A’, *oltre* l-imghax mid-29 ta' Marzu 2002 sad-data tal-pagament effettiv; u

b) Mija u disgha u disghin elf, tlett mija u wiehed u ghoxrin lira Maltija u sebgha u disghin centezmu (Lm199,321.97) dovuti lill-Bank attur in kwantu ghal mija u wiehed u disghin elf, disa' mija u hames liri Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm191,905.35) fuq *"Overdraft Account"* bin-numru 006-069744-004 u r-rimanenti sebat elef, erba' mija u sittax-il lira Maltija u tnejn u sittin centezmu (Lm7,416.62) bhala imghax fuq l-istess *"Overdraft Account"* sat-28 ta' Marzu 2002, kif jirrizulta mill-I*statement* anness bhala Dok. “B”, oltre l-imghax mid-29 ta' Marzu 2002 sad-data tal-pagament effettiv;

c) Mija u erbgha u erbghin elf, erba' mija u tliet liri Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm144,403.58) dovuti lill-Bank attur in kwantu ghal mija u erbghin elf, seba' mija u tlieta u sittin lira Maltija u zewg centezmi (Lm140.763.02) bhala bilanc ta' *"Loan Account"* bin-numru 006-069744-300 u r-rimanenti tlett elef, sitt mija u erbghin lira Maltija u sitta u hamsin centezmu (Lm3,640.56) bhala imghax fuq l-istess *"Loan Account"* sat-28 ta' Marzu 2002, kif jirrizulta mill-I*statement* anness bhala Dok ‘C’, *oltre* l-imghax mid-29 ta' Marzu 2002 sad-data tal-pagament effettiv;

d) Mitejn u hamsa u sebghin elf, mitejn u erbatax-il lira Maltija u wiehed u tletin centezmu (Lm275,214.31) dovuti lill-Bank attur in kwantu ghal mitejn u tlieta u sittin elf, tlett mija u sitta u sebghin lira Maltija u erbgha u tmenin centezmu (Lm263,376.84) bhala bilanc ta' *"Loan Account"* bin-numru 006-069744-301 u r-rimanenti hdax-il elf, tmien mija u sebgha u tletin lira Maltija u sebgha u erbghin centezmu (Lm11,837.47) bhala imghax fuq l-istess *"Loan Account"* sat-28 ta' Marzu 2002, kif jirrizulta mill-I*statement* anness bhala Dok. “D”, *oltre* l-imghax mid-29 ta' Marzu 2002 sad-data tal-pagament effettiv;
e) Hamsa u erbghin elf u seba' mitt lira Maltija u zewg centezmi (Lm45,700.02) dovuti lill-Bank attur in kwantu ghal wiehed u erbghin elf, mija u sitta u sebghin lira Maltija u centezmu (Lm41,176.01) bhala bilanc ta' *"Loan Account"* bin-numru 006-069744-302 u r-rimanenti erbat elef, hames mija u erbgha u ghoxrin lira Maltija u centezmu (Lm4,524.01) bhala imghax fuq l-istess *"Loan Account"* sat-28 ta' Marzu 2002, kif jirrizulta mill-I*statement* anness bhala Dok. “E”, *oltre* l-imghax mid-29 ta' Marzu 2002 sad-data tal-pagament effettiv;
f) Sebgha u hamsin elf u sebghin lira Maltija u sittax-il centezmu (Lm57,070.16) dovuti lill-Bank attur in kwantu ghal disgha u erbghin elf, hames mija u tlieta u tmenin lira Maltija u tnejn u tmenin centezmu (Lm49,583.82) bhala bilanc ta' *"Loan Account"* bin-numru 006-069744-303 u r-rimanenti sebat elef, erba' mija u sitta u tmenin lira Maltija u erbgha u tletin centezmu (Lm7,486.34) bhala imghax fuq l-istess *"Loan Account"* sat-28 ta' Marzu 2002, kif jirrizulta mill-*Istatement* anness bhala Dok. “F”, *oltre* l-imghax mid-29 ta' Marzu 2002 sad-data tal-pagament effettiv;
g) Mija u ghoxrin elf, mitejn u disgha u sebghin lira Maltija u tlieta u tletin centezmu (Lm120,279.33) dovuti lill-Bank attur in kwantu ghal mija u dsatax-il elf, disa' mija u tlieta u sittin lira Maltija u wiehed u tmenin centezmu (Lm119,963.81) bhala bilanc ta' *"Loan Account"* bin-numru 006-069744-304 u r-rimanenti tliet mija u hmistax-il lira Maltija u tnejn u hamsin centezmu (Lm315.52) bhala imghax fuq l-istess *"Loan Account"* sat-28 ta' Marzu 2002, kif jirrizulta mill-I*statement* anness bhala Dok ‘G’, *oltre* l-

imghax mid-29 ta' Marzu 2002 sad-data tal-pagament effettiv;
h) Mija u wiehed u hamsin elf, seba' mija u disgha u tletin lira Maltija u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm151,739.28) dovuti lill-Bank attur in kwantu ghal mija u sitta u erbghin elf, u tlieta u sebghin lira Maltija u erbgha u erbghin centezmu (Lm146,073.44) fuq *"Rescheduled Overdraft Account"* bin-numru 006-069744-340 u r-rimanenti hamest elef, sitt mija u hamsa u sittin lira Maltija u erbgha u tmenin centezmu (Lm5,665.84) bhala imghax fuq l-istess *"Rescheduled Overdraft Account"* sat-28 ta' Marzu 2002, kif jirrizulta mill-*Istatement* anness bhala Dok 'H', *oltre* l-imghax mid-29 ta' Marzu 2002 sad-data tal-pagament effettiv;

Illi l-facilitajiet bankarji fuq imsemmija gew moghtija mill-Bank attur lis-socjeta' konvenuta Lapsi Holdings Limited permezz ta' kuntratti fl-Atti tan-Nutar Pierre Attard tas-6 ta' Lulju 1995 - *Loan* (iskrizzjoni ipotekarja numru I 11414/95 hawn annessa bhala Dok. 'I') kif garantita ulterjorment permezz ta' kuntratt fl-Atti ta' l-istess Nutar Pierre Attard tal-5 ta' Lulju 1996 iskrizzjoni ipotekarja numru I 11029/96 hawn annessa bhala Dok. "J") iehor tal-5 ta' Lulju 1996 - *loan* (iskrizzjoni ipotekarja numru I 11030/96 hawn annessa bhala Dok. "K", kif konservata permezz ta' Nota ta' Privilegg numru I 1402/97 hawn annessa bhala Dok."M") iehor tal-5 ta' Lulju 1996 - *overdraft* (iskrizzjoni ipotekarja numru I 11031/96 hawn annessa bhala Dok."L") iehor ta' l-24 ta' Marzu 1999 - *overdraft* addizzjonali - (iskrizzjoni ipotekarja numru I 4628/99 hawn annessa bhala Dok. "N"), iehor ta' l-24 ta' Marzu 1999 - *loan* (iskrizzjoni ipotekarja numru I 4629/99 hawn annessa bhala Dok."O"), iehor tal-5 ta' Lulju 1996 - *overdraft* addizzjonali - (iskrizzjoni ipotekarja I 9994/97 hawn annessa bhala Dok. "P"), iehor tas-26 ta' Novembru 1997 - *overdraft* addizzjonali (iskrizzjoni ipotekarja numru I 17594/97 hawn annessa bhala Dok. "Q") u iehor tal-21 ta' Dicembru 2000 - *overdraft* addizzjonali - (iskrizzjoni ipotekarja numru 119294/00 hawn annessa bhala Dok."R")
Illi permezz ta' ittra ufficjali prezentata fis-26 ta' Marzu 2002 il-Bank attur irrenda ezegwibbli l-ammont ta' mija u

sebghin elf Lira Maltija (Lm170,000) fil-konfront biss ta' Lapsi Holdings Limited (liema ammont ghadu ma thallasx) u ghalhekk l-ammont mhux kanonizzat dovut minn Lapsi Holdings Limited huwa ta' tmien mija u tlieta u erbghin elf u tliet mija u hmistax-il Lira Maltija u hamsin centezmu (Lm843,315.50).

Illi l-konvenut William Caruana ikkostitwixxa ruhu garanti solidali mal-kumpanija debitrici principali Lapsi Holdings Limited u mal-garanti l-ohra kollha favur il-Bank attur sal-ammont komplessiv (*oltre* imghax u spejjez kif jirrizulta mill-*guarantee forms* hawn taht imsemmija) ta' miljun u tlett elef lira Maltija (Lm1,003,000.00), in kwantu ghal hames mija u hamsa u tmenin elf lira Maltija (Lm585,000) mis-somma imsemmija kif jirrizulta mill-*Guarantee Form* datata 18 ta' Lulju 1996 annessa bhala dokument “S”, in kwantu ghal tmienja u erbghin elf lira Maltija (Lm48,000) mis-somma msemmija kif jirrizulta mill-*Guarantee Form* datata 10 ta' Awissu 1999 annessa bhala dokument “T” u in kwantu ghar-rimanenti tliet mija u sebghin elf lira Maltija (Lm370,000) kif jirrizulta mill-*Guarantee Form* datata 15 ta' Dicembru 1998 annessa bhala dokument “U”;

Illi l-konvenut Charles Camilleri kkostitwixxa ruhu garanti solidali mal-kumpanija debitrici principali Lapsi Holdings Limited u mal-garanti l-ohra kollha favur il-Bank attur sa l-ammont komplessiv (*oltre* imghax u spejjez kif jirrizulta mill-*guarantee forms* hawn taht imsemmija) ta' disa' mija u tnejn u tletin elf u tmien mitt lira Maltija (Lm932,800.00) in kwantu ghal tmien mija u erbgha u tmenin elf u tmien mitt lira Maltija (Lm884,800) mis-somma imsemmija kif jirrizulta mill-*Guarantee Form* datata 12 ta' Dicembru 1998 annessa bhala dokument “V”, u in kwantu ghar-rimanenti tmienja u erbghin elf lira Maltija (Lm48,000) mis-somma msemmija kif jirrizulta mill-*Guarantee Form* datata 10 ta' Awissu 1999 annessa bhala dokument “T”;

Illi l-konvenut Edward Ellul ikkostitwixxa ruhu garanti solidali mal-kumpanija debitrici principali Lapsi Holdings Limited u mal-garanti l-ohra kollha favur il-Bank attur sa l-ammont komplessiv (*oltre* imghax u spejjez kif jirrizulta mill-*guarantee forms* hawn taht imsemmija) ta' miljun u

tlett elef liri Maltin (Lm 1,003,000.00), in kwantu ghal mija u tlieta u sittin elf u tmien mitt lira Maltija (Lm163,800) mis-somma msemmija kif jirrizulta mill-*Guarantee Form* datata 11 ta' Settembru 1996 annessa bhala dokument “W”, in kwantu ghal seba' mija u wiehed u disghin elf u mitejn Lira Maltija (Lm791,200) mis-somma imsemmija kif jirrizulta mill-*Guarantee Form* datata 15 ta' Dicembru 1998 annessa bhala dokument “X”, u in kwantu ghar-rimanenti tmienja u erbghin elf lira Maltija (Lm48,000) mis-somma msemmija kif jirrizulta mill-Guarantee Form datata 10 ta' Awissu 1999 annessa bhala dokument “T” ;

Illi l-konvenuta Kim Burglund Ellul, mart Edward Ellul ikkostitwiet ruhha garanti solidali mal-kumpannija debitrici principali Lapsi Holdings Limited u mal-garanti l-ohra kollha favur il-Bank attur sa l-ammont komplessiv (*oltre* imghax u spejjez kif jirrizulta mill-*guarantee form* hawn taht imsemmija) ta' mija u tlieta u sittin elf u tmien mitt lira Maltija (Lm163,800.00) kif jirrizulta mill-*Guarantee Form* datata 11 ta' Settembru 1996 annessa bhala dokument “W”;

Illi l-kumpanija konvenuta Cloisters Walk Limited ikkostitwiet ruhha garanti solidali mal-kumpannija debitrici principali Lapsi Holdings Limited u mal-garanti l-ohra kollha favur il-Bank attur sa l-ammont komplessiv (*oltre* imghax u spejjez kif jirrizulta mill-*guarantee forms* hawn taht imsemmija) ta' disa' mija u hamsa u hamsin elf lira Maltija (Lm955,000.00), in kwantu ghal hames mija u hamsa u tmenin elf lira Maltija (Lm585,000) mis-somma imsemmija kif jirrizulta mill-*Guarantee Form* datata 26 ta' Lulju 1996 annessa bhala dokument “Y”, in kwantu ghar-rimanenti tliet mija u sebghin elf lira Maltija (Lm370,000) kif jirrizulta mill-*Guarantee Form* datata 15 ta' Dicembru 1998 annessa bhala dokument “Z”;

Illi l-konvenuti, ghalkemm interpellati biex ihallsu, baqghu inadempjenti;

Illi l-kreditu tal-Bank huwa cert, likwidu u ezegwibbli;

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet lill-kumpaniji konvenuti u lill-konvenut jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1) Tikkundanna lill-kumpanija konvenuta Lapsi Holdings Limited, debitrici principali, thallas lill-istess Bank attur is-somma ta' tmien mija u tlieta u erbghin elf u tliet mija u hmistax-il Lira Maltija u hamsin centezmu (LM843,315.50) fuq imsemmija dovuta kif intqal fuq, *oltre* l-imghax mid-29 ta' Marzu 2002;

2. Tikkundanna wkoll lill-konvenut William Caruana garanti solidali, solidalment mal-kumpanija konvenuta debitrici principali kif ukoll mal-garanti l-ohra kollha ihallas lill-istess Bank attur l-ammont ta' miljun u tlett elef Lira Maltija (LM1,003,000.00,0) fuq imsemmi minnu garantiti u formanti parti mis-somma globali ta' miljun, tlettax-il elf u tliet mija u hmistax-il Lira Maltija u hamsin centezmu (Lm1,013,315.50) u dovuta kif intqal qabel, *oltre* l-imghax kif qabel spjegat;

3. Tikkundanna wkoll lill-konvenut Charles Camilleri garanti solidali, solidalment mal-kumpannija konvenuta debitrici principali kif ukoll mal-garanti l-ohra kollha ihallas lill-istess Bank attur l-ammont ta' disa' mija u tnejn u tletin elf u tmien mitt Lira Maltija (Lm932,800) fuq imsemmi minnu garantit u formanti parti mis-somma globali ta' miljun, tlettax-il elf u tliet mija u hmistax-il Lira Maltija u hamsin centezmu (LM1,013,315.50) fuq imsemmija u dovuta kif intqal qabel *oltre* l-imghax kif qabel spjegat;

4. Tikkundanna wkoll lill-konvenut Edward Ellul garanti solidali, solidalment mal-kumpanija konvenuta debitrici principali kif ukoll mal-garanti l-ohra kollha ihallas lill-istess Bank attur l-ammont ta' miljun, u tlett elef Lira Maltija (LM1,003,000.00) fuq imsemmi minnu garantiti u formanti parti mis-somma globali ta' miljun, tlettax-il elf u tliet mija u hmistax-il Lira Maltija u hamsin centezmu (LM1,013,315.50) fuq imsemmija u dovuta kif intqal qabel, *oltre* l-imghax kif qabel spjegat;

5. Tikkundanna wkoll lill-konvenuta Kim Burglund Ellul, mart Edward Ellul garanti solidali, solidalment mal-kumpanija konvenuta debitrici principali kif ukoll mal-garanti l-ohra kollha thallas lill-istess Bank attur l-ammont ta' mija u tlieta u sittin elf u tmien mitt Lira Maltija (Lm163,800) fuq imsemmi minnha garantiti u formanti parti mis-somma globali ta' miljun, tlettax-il elf u tliet mija u hmistax-il Lira Maltija u hamsin centezmu (LM1,013,315.50) fuq imsemmi u dovuta kif intqal qabel *oltre* l-imghax kif qabel spjegat;

6. Tikkundanna wkoll lill-kumpanija konvenuta Cloisters Walk Limited garanti solidali, solidalment mal-kumpanija konvenuta debitrici principali kif ukoll mal-garanti l-ohra kollha thallas lill-istess Bank attur l-ammont ta' disa' mija u hamsa u hamsin elf lira Maltija (Lm955,000) fuq imsemmi rapprezentanti l-ammonti minnha garantiti u formanti parti mis-somma globali ta' miljun, tlettax-il elf u tliet mija u hmistax-il Lira Maltija u hamsin centezmu (LM1,013,315.50) fuq imsemmi u dovuta kif intqal qabel *oltre* l-imghax kif qabel spjegat;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` attrici a fol. 7 sa 10 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti u mmarkati bhala Dok. “A” sa Dok “Z” kif jidher minn fol. 11 sa fol. 94 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smiegh nhar it-23 ta’ Awissu 2002 minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph R. Micallef ghas-seduta tas-27 ta’ Novembru 2002.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta datata 28 ta’ Ottubru 2002 a fol. 103 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi hemm lok ghall-korrezzjoni tac-citazzjoni attrici billi l-kliem kollha illi ma humiex strettament l-isem tal-

persuni jew socjetajiet konvenuti f'din l-istanza ghandhom jigu kkancellati billi huma superflui u jistghu eventwalment (anke f'kaz ta' ezitu favorevoli ta' din il-kawza ghas-socjeta` attrici) jiggeneraw inferenza ta' solidarjeta` fejn l-istess ma tkunx giet pronunzjata minn din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi t-talbiet ta' l-attrci huma insostenibbli billi fl-azzjoni odjerna s-socjeta` attrici akkumulat ghall-gudizzju wiehed diversi talbiet naxxenti minn diversi rapporti guridici separati bejn is-socjeta` attrici u diversi persuni. Id-dritt Malti ma jikkontemplax illi ssir azzjoni fis-sens propost mis-socjeta` attrici b'mod illi l-kawza odjerna hija nulla.

3. Illi sekondarjament, is-socjeta` attrici sejra, f'kaz ta' ezitu favorevoli ta' din il-kawza, tigi munita b'numru ta' kredici kanonizzati b'effett tas-sentenza hekk eventwalment ottenuta illi komplessivament jeccedu d-dejn pretiz mis-socjeta` attrici u dan minghajr ebda restrizzjoni illi tkun topera biex izzomm lill-istess socjeta` attrici milli tottjeni l-hlas ta' tali krediti *'in toto'.*

4. Illi *di piu`,* l-azzjoni attrici odjerna kif imposta sejra tikkrea diffikultajiet legalment insormontabbli ta' ezekuzzjoni generali mill-pluralita` ta' rapporti giuridici meritu tal-kawza.

5. Illi l-kreditu pretiz mis-socjeta` attrici huma kontra l-konvenuti jinkludi imghaxijiet komposti, illi ma humiex permess fil-Ligi.

6. Illi l-kreditu pretiz mis-socjeta` attrici huwa ezagerat.

7. Illi l-garanziji moghtija mill-konvenut William Caruana, Charles Camilleri, Edward Ellul, Kim Berglund Ellul u Cloisters Walk Limited ma humiex solidali mad-debitur principali Lapsi Holdings Limited billi l-imsemmija socjeta` Lapsi Holdings Limited ma dehertx fuq id-diversi skritturi ta' garanzija u accettat il-garanzija hemm moghtija bhala solidali maghha. Ghalhekk l-istess konvenuti garanti jitolbu l-beneficcju ta' l-eskussjoni.

8. Illi l-garanzija moghtija mill-konvenuti kollha (hlief naturalment is-socjeta` Lapsi Holdings Lmited) ma jwassalx ghal solidalita` bejn id-diversi garanti billi ma giet miftehma ebda solidalita` bejniethom.

9. Illi porzjonijiet sostanzjali tal-kreditu attrici pretiz f'din l-azzjoni cioe` l-ammonti imsemmija fil-paragrafi (c) (d) (e) (f) u (g) jirrizultaw minn atti pubblici ta' self. Il-kreditu ghall-hlas ta' tali ammonti seta' gie res ezekuttiv bl-espedjent facili u xejn kostuz tal-prezentata ta' ittra ufficjali, b'mod allura illi skond l-insenjament tal-gurisprudenza prevalenti, l-istess ta' din l-istanza in konnessjoni ma' tali ammonti ghandhom jigu ssopportati mis-socjeta` attrici u mhux ghalhekk mis-socjeta` Lapsi Holdings Limited, illi allura kienet dehret fuq l-imsemmija atti pubblici, u lanqas mill-konvenuti l-ohra illi bhala garanti ta' l-istess debiti setghu gew hekk resi ezegwibbli kontra taghhom il-krediti tas-socjeta` attrici.

10. Illi d-dritt ta' l-azzjoni tas-socjeta` attrici kontra l-konvenuti William Caruana, Edward Ellul. Kim Berglund Ellul u Cloisters Walk Limited naxxenti mill-iskritturi ta' garanzija tat-18 ta' Lulju 1996 (Dok. "S"), tal-11 ta' Settembru 1996 (Dok. "W") u tas-26 ta' Lulju 1996 (Dok. "Y") rispettivament huma preskritti *a tenur* tad-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 2156 (f) tal-Kapitolu 16.**

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti a fol. 105, 106 u 107 tal-process.

Rat ir-rikors tal-bank attur datat 22 ta' Ottubru 2002 u d-digriet datat 24 ta' Ottubru 2002.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph R. Micallef datat 11 ta' April 2003 fejn giet michuda talba ghall-urgenza.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph R.

Micallef tas-27 ta' Novembru 2002 u tal-24 ta' Jannar 2003.

Rat ir-rikors tal-Bank attur datat 4 ta' April 2003 u d-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri datat 8 ta' April 2003.

Rat l-avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern tal-14 ta' Novembru 2003 u pprezentata fit-18 ta' Novembru 2003 (fol 163).

Rat in-nota attrici datata 24 ta' Novembru 2004 fejn gew esebiti id-Dokumenti "A" sa "E" konsistenti f'kuntratti pubblici datati 6 ta' Lulju 1995, 5 ta' Lulju 1996, 5 ta' Lulju 1996, 24 ta' Marzu 1999, u 24 ta' Marzu 1999 rispettivament kollha ppublikati minn Nutar Dr. Pierre Attard u li jinsabu esebiti a fol. 180 sa fol. 215 tal-process.

Rat l-affidavit tal-Prokuratur Legali Jonathan de Maria datat 2 ta' Gunju 2004 (fol.171) u x-xhieda tieghu moghtija *seduta stante* fl-24 ta' Novembru 2004 (fol.216).

Rat in-nota attrici datata 1 ta' Frar 2005 fejn gew esebiti bhala Dok. "PA1" sa Dok. "PA5", kuntratti pubblici datati 2 ta' Lulju 1997, 2 ta' Lulju 1997, 6 ta' Novembru 1997, 21 ta' Dicembru 2000 u 21 ta' Dicembru 2000, kollha fl-atti tan-Nutar Pierre Attard, kollox minn fol. 218 sa fol. 244 tal-process.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta datat 24 ta' Novembru 2004 (fol. 177) fejn laqghet it-talba tal-Bank attur sabiex il-konvenuti permezz ta' nota jindikaw fejn ma' jaqblux mal-i*statements* prezentati mill-Bank attur.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri datat l-1 ta' Frar 2005 fejn il-Qorti rrilevat li kien ghad jonqos n-nota spejgativa *da parte* tal-konvenuti kif indikat fil-verbal tal-24 ta' Novembru 2004 u inghad li *"fin-nuqqas jigi ikkunsidrat li l-*

*konvenuti jaqblu mal-pretensjonijiet attrici"* kollox kif indikat a fol. 217 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Marzu 2005 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta fejn il-Qorti sostniet li *"tirreferi ghad-digriet ta' l-1 ta' Frar 2005 u tirrileva li ma gietx ipprezentata nota spjegattiva mill-konvenut. Il-kawza giet differita ghas-26 ta' April 2005 fil-10.00.a.m. ghall-ahhar darba ghall-istess skop tal-verbal precedenti".*

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Novembru 2005 (fol. 249) fejn wara li Dr. Franco Vassallo ghall-Bank talab li *in vista* tan-nuqqas tal-prezentata tan-nota mill-konvenuti kif indikat fil-verbal tal-24 ta' Novembru 2004, il-provi tal-konvenut rigwardanti l-eccezzjonijiet numru 5 u 6 jigu ddikjarati maghluqa, u wara li Dr. Stephen Thake u Dr. Aaron Mifsud Bonnici ddikjaraw li ma kienux f'posizzjoni li jipprezentaw nota spjegattiva fejn jindikaw l-ammont li jipprezenta l-imghaxijiet komposti u jiddikjaraw li l-eccezzjoni numru 6 hija konsegwenza ghall-eccezzjoni numru 5, u nformaw il-Qorti li jixtiequ jipproducu xhud wiehed, rappresentant tal-Bank attur, biex jixhed dwar dawn iz-zewg eccezzjonijiet, il-kawza giet differita sabiex jitressaq dan ix-xhud ghall-25 ta' Novembru 2005 fil-11.00.a.m.

Rat ix-xhieda ta' Sharon Camilleri prodotta mill-konvenuti datata 25 ta' Novembru 2005 (fol. 254) u d-dokumenti esebit mill-istess xhud bhala Dok. "X1" sa Dok. "X8" a fol. 272 sa fol. 286 tal-process.

Rat l-verbal tas-seduta tal-25 ta' Novembru 2005 quddiem din il-Qorti diversmant presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn Dr. Franco Vassallo ghall-attur talab li l-provi tal-konvenut fuq il-hames u s-sitt eccezzjoni jigu ddikjarati maghluqa ghax l-konvenuti kellhom sena shiha opportunita' biex iressqu din il-prova, l-i*statement*s kollha tal-bank dettaljatament gew moghddija lill-konvenuti mill-P.L. De Maria u l-konvenuti lanqas indenjaw ruhhom jissostanzjaw dawn l-eccezzjonijiet dissentu. Dr. Aaron Mifsud Bonnici ghall-konvenuti rrileva li l-prova dwar l-eccezzjoni 5 u 6, il-konvenuti qed jippruvaw jaghmluha

permezz tax-xhieda tar-rappresentanti tal-Bank minkejja li fil-mori tad-differiment giet specifikatament ordnata sabiex tiddentifika u tikkwantifika l-imghaxijiet komposti fl-udjenza ta’ dak in-nhar tas-seduta, u l-istess xhud stqarr li l-anqas il-Bank attur ma jkollu din l-informazzjoni u ghalhekk li l-konvenuti jehtiegu aktar zmien sabiex jirregolaw ruhhom dwar kif u min jista’ jiddentifika u jikkwantifika dwar l-imghaxijiet, biex b’hekk jikkonkludu l-provi taghhom dwar din l-eccezzjoni. Dr. Franco Vassallo rrileva li din l-informazzjoni mitluba giet esebita fis-seduta tal-24 ta’ Novembru 2004 u din il-Qorti permezz ta’ verbal tal-1 ta’ Frar 2005 irrilevat li fin-nuqqas li l-konvenuti ikunu pprezentaw d-dokumenti spjegattiv huma jkunu meqjusa li jaqblu ma’ din il-pretensjoni u l-kawza giet differita ghall-provvediment fuq dan il-punt ghat-28 ta’ Novembru 2005.

Rat il-provvediment datat 28 ta’ Novembru 2005 minn din il-Qorti diversament presjeduta a fol. 288 sa fol. 290 tal-process fejn wara li kkonstatat li d-dokumenti li jirrapresentaw *breakdown* ta’ l-ammonti mitluba u l-i*statement*s relattivi kienu ilhom li gew esebiti mill-Bank attur zmien twil, u li l-konvenuti kellhom zmien sufficjenti sabiex jezaminaw dawn id-dokumenti u johorgu l-figuri in sostenn ta’ dak minnhom allegat, u wkoll li l-konvenuti *“kellhom zmien bizzejjed biex iharku x-xhieda taghhom f’dan ir-rigward, u dan tenut kont tal-fatt li n-nota ta’ l-eccezzjonijiet taghhom kienet ilha pprezentata mit-28 ta’ Ottubru 2002 – circa tlett snin ilu. Jidher pero’ li dawna baqghu passivi ghal dan iz-zmien kollu nonostante id-digriet precedenti ta’ din il-Qorti, u dan bi pregudizzju evidenti ghad-drittijiet tas-socjeta’ attrici. Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehmna li t-talba tas-socjeta’ attrici sabiex jigu dikjarati maghluqa l-provi rigwardanti dawn iz-zewgt eccezzjonijiet hija, f’dan l-istadju gustifikata, u timmerita li tigi milqugha. Ghal dawn il-motivi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u tiddikjara l-provi maghluqa dwar l-eccezzjonijiet numru (5) u (6); tordna l-prosegwiment tas-smiegh tal-kawza”.*

Rat in-nota pprezentata mill-HSBC Bank Malta p.l.c. fit-2 ta’ Gunju 2004 (volume 2) fejn gew pprezentati prospetti fir-rigward tal-kontijiet numru 006 – 069744 –001; kont

nurmu 006 – 069744 -002; kont numru 006 –069744 – 003; kont numru 006 –069744 –004 kollox minn fol. 1 sa fol. 960 tat-tieni volum tal-process.

Rat il-verbali kollha tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri mill-11 ta’ April 2003 sat-28 ta’ Novembru 2005 fejn il-kawza giet differita ghall-prezentata ta’ l-affidavits tal-konventi u ghall-provi *viva voce* ta’ l-istess konvenuti.

Rat il-verbali kollha tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif illum hekk presjeduta datati 20 ta’ Jannar 2006, 7 ta’ Marzu 2006 fejn dehru biss Dr. Franco Vassallo u Dr. Joseph Camilleri ghall-Bank attur, u Dr. Aaron Mifsud Bonnici u Dr. Stephen Thake u l-konvenuti baqghu ma dehrux u l-Qorti wara li rat id-digriet tat-28 ta’ Novembru 2005 fejn il-kawza thalliet biex jigu pprezentati l-affidavits tal-konvenuti u provi *viva voce* ta’ l-istess u peress li dan ma sehhx, ddikjarat il-provi tal-konvenuti maghluqa u l-kawza thalliet ghall-finali trattazzjoni ghat-3 ta’ Mejju 2006; tat-3 ta’ Mejju 2006 fejn dehru Dr. Joseph Camilleri ghas-socjeta’ attrici u Dr. Jan-Karl Farrugia ghas-socjeta’ konvenuta Lapsi Holdings Limited u meta l-Qorti staqsiet jekk hemmx bzonn nomina ta’ perit komputista, gie verbalizzat li Dr. Joseph Camilleri qal li ma hemmx bzonn u Dr. Camilleri talab li jaghmel nota ta’ osservazzjonijiet u l-Qorti laqghet it-talba u tat liz-zewg partijiet 50 gurnata kull wiehed ghall-istess u l-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta’ ostakolu ghad-29 ta’ Novembru 2006.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet attrici datata 20 ta’ Gunju 2006 li giet notifikata lid-difensuri tal-konvenuti Dr. Aaron Mifsud Bonnici u Dr. Stephen Thake fit-22 ta’ Gunju 2006.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din il-kawza saret *stante* li l-Bank attur qed jitlob hlas ta' diversi ammonti moghtija kemm taht kuntratti ta' *overdraft facilities* u self lis-socjeta' konvenuta Lapsi Holdings Limited u dan kif dettaljatament indikat fic-citazzjoni attrici u skond kuntratti hemm indikati, u dwar dan gew esebiti *statement*s, tal-kontijiet kollha relattivi numru 006 – 069744 –001; kont numru 006 – 069744 -002; kont numru 006 –069744 –003 u kont numru 006 –069744 –004 u dan kif jidher mid-dokumenti relattivi annessi mac-citazzjoni attrici minn Dok. "C" sa Dok. "H" u wkoll dawkipprezentati permezz ta' nota tas-socjeta' attrici datata 2 ta' Gunju 2004 fejn hemm indikati dettaljatament l-ammonti kollha dovuti in konnessjoni ma' l-istess kontijiet numru 006 – 069744 –001; kont nurmu 006 – 069744 -002; kont numru 006 –069744 –003; u kont numru 006 – 069744 – 004 kollox minn fol. 1 sa fol. 960 tat-tieni volum tal-process, u dan jinkludi kemm il-kapital u kemm l-imghax relattiv fuq l-istess somom u jidher li ghalhekk l-ammonti dovuti huma rigwardanti l-*Overdrafts* u *Loan Accounts* indikati fic-citazzjoni attrici u senjatament *Overdraft Account* Numru 006 – 069744 –003; *Overdraft Account* Numru 006- 069744-004; *Rescheduled Overdraft Account* Numru 006-06744-340; *Loan Account* numru 006-06744-300; *Loan Account* numru 006-06744-301; *Loan Account* numru 006-06744-302; *Loan Account* numru 006-06744-303; u *Loan Account* numru 006-06744-304.

Illi din il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha l-provi kollha prodotti u wkoll d-dokumenti kollha esebiti nkluzi dawk appena indikati flimkien mal-kuntratti kollha relattivi, esebiti kemm permezz tan-nota attrici datata 24 ta' Novembru 2004, (fejn permezz taghha gew esebiti id-Dokumenti "A" sa "E" konsistenti f'kuntratti pubblici datati 6 ta' Lulju 1995, 5 ta' Lulju 1996, 5 ta' Lulju 1996, 24 ta' Marzu 1999, u 24 ta' Marzu 1999 rispettivament kollha ppublikati minn Nutar Dr. Pierre Attard u li jinsabu esebiti

a fol. 180 sa fol. 215 tal-process) u wkoll kuntratti ohra esebiti permezz ta’ nota ohra attrici datata 1 ta’ Frar 2005 (fejn permezz ta’ din in-nota gew esebiti bhala Dok. “PA1” sa Dok. “PA5”, kuntratti pubblici datati 2 ta’ Lulju 1997, 2 ta’ Lulju 1997, 6 ta’ Novembru 1997, 21 ta’ Dicembru 2000 u 21 ta’ Dicembru 2000, kollha fl-atti tan-Nutar Pierre Attard, kollox minn fol. 218 sa fol. 244 tal-process), u wkoll ma’ l-iskrizzjonijiet ipotekarji (esebiti bhala Dok. “I” sa Dok. “R” mac-citazzjoni attrici) u wara li l-istess Qorti ezaminat wkoll bir-reqqa dovuta *l-istatements* kollha relattivi u fuq indikati u wkoll dawk relattivi ghall-imghax li ddekorra fuq l-istess, (u dan permezz ta’ d-dokumenti gja indikati aktar il-fuq f’din is-sentenza u wkoll permezz tad-dokumenti Dok. “X1” sa Dok. “X8” esebiti mix-xhud Sharon Camilleri fil-25 ta’ Novembru 2005, u li jinsabu esebiti a fol. 272 sa fol. 286 tal-process), din il-Qorti thoss li tali dokumenti flimkien max-xhieda prodotti mis-socjeta’ attrici fil-persuni tal-P.L. Jonathan de Maria u l-imsemmija Sharon Camilleri (*relationship manager* tal-kont tas-socjeta’ konvenuta Lapsi Holdings Limited), li wkoll ikkonfermaw id-dokumenti kollha esebiti, kollha jikkonfermaw li l-ammont globali dovut mis-socjeta’ konvenuta Lapsi Holdings Limited lill-Bank konvenut jammonta ghas-somma ta’ miljun tlettax-il elf tlett mija u hmistax-il lira Maltija u hamsin centezmu (Lm1,013,315.50) u dan sad-data tal-prezentata tac-citazzjoni attrici pprezentata fl-24 ta’ Lulju 2002. Peress li b’ittra ufficjali datata 26 ta’ Marzu, 2002 il-Bank attur irrenda ezegwibbli l-ammont ta’ mija u sebghin elf Lira Maltija (Lm170,000) fil-konfront biss tas-socjeta’ konvenuta Lapsi Holdings Limited, (u dan minkejja li l-istess ammont baqa’ ma thallasx) l-ammont mhux kannonizzat dovut huwa dak ta’ tmien mija u tlieta u erbghin elf u tliet mija u hmistax-il lira Maltija u hamsin centezmu *oltre* imghax mid-29 ta’ Marzu 2002

Illi din il-Qorti thoss li l-provi kollha saru mis-socjeta’ attrici skond id-disposizzjonijiet tal-**Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta** u gew sodisfatti wkoll id-dettami ta’ l-**artikolu 559 tal-Kap 12** b’dan ghalhekk li jista’ jinghad li s-socjeta’ attrici ssodisfat l-oneru ta’ prova li kien jinkombi fuqha u gew

ppruvati sal-grad rikjest mill-ligi l-pretensjonijiet kollha minnha vantati kontra l-istess socjeta’ konvenuta.

Illi l-istess jista’ jinghad fil-konfront tal-konvenuti l-ohra bhala garanti solidali u dan kif inghad fic-citazzjoni u dikjarazzjoni attrici tant li gie ppruvat wkoll li:-

(a) Il-konvenut William Caruana ikkostitwixxa ruhu garanti solidali mal-kumpanija debitrici principali Lapsi Holdings Limited u mal-garanti l-ohra kollha favur il-Bank attur sal-ammont komplessiv (*oltre* imghax u spejjez kif jirrizulta mill-*guarantee forms* hawn taht imsemmija) ta' miljun u tlett elef lira Maltija (Lm1,003,000.00), in kwantu ghal hames mija u hamsa u tmenin elf lira Maltija (Lm585,000) mis-somma imsemmija kif jirrizulta mill-*Guarantee Form* datata 18 ta' Lulju 1996 annessa bhala dokument “S”, in kwantu ghal tmienja u erbghin elf lira Maltija (Lm48,000) mis-somma msemmija kif jirrizulta mill-*Guarantee Form* datata 10 ta' Awissu 1999 annessa bhala dokument “T” u in kwantu ghar-rimanenti tliet mija u sebghin elf lira Maltija (Lm370,000) kif jirrizulta mill-*Guarantee Form* datata 15 ta' Dicembru 1998 annessa bhala dokument “U”;

(b) Il-konvenut Charles Camilleri kkostitwixxa ruhu garanti solidali mal-kumpanija debitrici principali Lapsi Holdings Limited u mal-garanti l-ohra kollha favur il-Bank attur sa l-ammont komplessiv (*oltre* imghax u spejjez kif jirrizulta mill-*guarantee forms* hawn taht imsemmija) ta' disa' mija u tnejn u tletin elf u tmien mitt lira Maltija (Lm932,800.00) in kwantu ghal tmien mija u erbgha u tmenin elf u tmien mitt lira Maltija (Lm884,800) mis-somma imsemmija kif jirrizulta mill-*Guarantee Form* datata 12 ta' Dicembru 1998 annessa bhala dokument “V”, u in kwantu ghar-rimanenti tmienja u erbghin elf lira Maltija (Lm48,000) mis-somma msemmija kif jirrizulta mill-*Guarantee Form* datata 10 ta' Awissu 1999 annessa bhala dokument “T”;

(c) Illi l-konvenut Edward Ellul ikkostitwixxa ruhu garanti solidali mal-kumpanija debitrici principali Lapsi Holdings Limited u mal-garanti l-ohra kollha favur il-Bank attur sa l-ammont komplessiv (*oltre* imghax u spejjez kif jirrizulta mill-*guarantee forms* hawn taht imsemmija) ta' miljun u

tlett elef liri Maltin (Lm1,003,000.00), in kwantu ghal mija u tlieta u sittin elf u tmien mitt lira Maltija (Lm163,800) mis-somma msemmija kif jirrizulta mill-*Guarantee Form* datata 11 ta' Settembru 1996 annessa bhala dokument “W”, in kwantu ghal seba' mija u wiehed u disghin elf u mitejn Lira Maltija (Lm791,200) mis-somma imsemmija kif jirrizulta mill-*Guarantee Form* datata 15 ta' Dicembru 1998 annessa bhala dokument “X”, u in kwantu ghar-rimanenti tmienja u erbghin elf lira Maltija (Lm48,000) mis-somma msemmija kif jirrizulta mill-*Guarantee Form* datata 10 ta' Awissu 1999 annessa bhala dokument “T”;

(d) Il-konvenuta Kim Burglund Ellul, mart Edward Ellul ikkostitwiet ruhha garanti solidali mal-kumpannija debitrici principali Lapsi Holdings Limited u mal-garanti l-ohra kollha favur il-Bank attur sa l-ammont komplessiv (*oltre* imghax u spejjez kif jirrizulta mill-*guarantee form* hawn taht imsemmija) ta' mija u tlieta u sittin elf u tmien mitt lira Maltija (Lm163,800.00) kif jirrizulta mill-*Guarantee Form* datata 11 ta' Settembru 1996 annessa bhala dokument “W”;

(e) Is-socjeta’ konvenuta Cloisters Walk Limited ikkostitwiet ruhha garanti solidali mal-kumpannija debitrici principali Lapsi Holdings Limited u mal-garanti l-ohra kollha favur il-Bank attur sa l-ammont komplessiv (*oltre* imghax u spejjez kif jirrizulta mill-*guarantee forms* hawn taht imsemmija) ta' disa' mija u hamsa u hamsin elf lira Maltija (Lm955,000.00), in kwantu ghal hames mija u hamsa u tmenin elf lira Maltija (Lm585,000) mis-somma imsemmija kif jirrizulta mill-*Guarantee Form* datata 26 ta' Lulju 1996 annessa bhala dokument “Y”, in kwantu ghar-rimanenti tliet mija u sebghin elf lira Maltija (Lm370,000) kif jirrizulta mill-*Guarantee Form* datata 15 ta' Dicembru 1998 annessa bhala dokument “Z”;

Illi min-naha l-ohra hadd mill-konvenuti ma xehed f’din il-kawza u fil-fatt jista’ jinghad li ma resqu l-ebda prova ta’ xejn, u jista’ jinghad li rigwardanti l-allegazzjonijiet taghhom u in partikolari dawk indikati fil-hames u sitt eccezzjoni taghhom, huma ma ressqu l-ebda prova u jista’ jinghad li certament ma ssodisfawx l-oneru taghhom ta’

prova, u dan minkejja li kien l-oneru taghhom li jippruvaw li l-ammont mitlub huwa esegerat – *in vista* tal-principju *“onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat”* . Dan huwa li jopprovdi l-**artikolu 562 tal-Kap 12** (**“Mario Mifsud vs Carmelo Mifsud”** (A.I.C. – 12 ta’ Novembru 2003). Fil-fatt mhux hekk biss izda l-provi prodotti mis-socjeta’ attrici jippruvaw il-kuntrarju ta’ dak allegat mis-socjeta’ konvenuta u dan permezz ta’ rendikonti konkretti li juru li l-imghax formanti parti mit-talba attrici huwa dak skond il-ligi, kemm jekk dan jirreferi ghall-kontijiet ta’ *overdrafts* u kemm meta dan jirreferi ghall-kontijiet ta’ self. Din il-prova fiha nnfisha twaqqa’ l-allegazzjonijiet tal-konvenuti dwar l-istess, li min-naha taghhom jista’ jinghad li ma gabu l-ebda prova ta’ xejn li b’xi mod tikkontradixxi jew tirribatti l-provi attrici, u b’hekk l-allegazzjonijiet tal-konvenuti f’dan ir-rigward ma jistghux jigu akkolti, peress li bl-ebda mod ma gew sostanzjati; fil-fatt ma jidhirx li l-istess konvenuti ressqu xi forma ta’ xhieda taghhom, u lanqas talbu xi ezami iehor u ghalhekk ma jistax jinghad li b’xi mod l-allegazzjonijiet vantanti mill-konvenuti gew ippruvati. Dan qed jinghad apparti l-provvediment tal-Qorti datat 28 ta’ Novembru 2005 fil-konfront tal-hames u s-sitt eccezzjoni, fejn jinghad ukoll li minkejja d-digriet tal-24 ta’ Novembru 2004, l-istess konvenuti spiccaw sabiex l-anqas biss ipprezentaw nota spjegattiva ta’ l-istess indikati eccezzjonijiet u dan minkejja li tali nuqqas gie ndikat b’digriet tal-24 ta’ Novembru 2004 li *“jigi kkunsidrat li l-konvenuti jaqblu mal-pretensjonijiet attrici”.*

Illi minkejja dan kollu l-istess konvenuti pprezentaw numru ta’ eccezzjonijiet u dwar l-ewwel eccezzjoni jinghad li din hija ghal kollox bla ebda bazi legali *stante* li l-okkju tal-kawza huwa korrett bl-indikazzjonijiet kollha hemm indikati u dan peress li jidher li fil-*guarantee forms* iffirmati mill-konvenuti l-ohra kollha ndikati bhala garanti solidali, jidher li hemm solidarjeta’ kemm mad-debitur principali (s-socjeta’ konvenuta Lapsi Holdings Limited u wkoll mal-garanti solidali kollha u dan jidher mill-ewwel paragrafu ta’ l-istess skritturi ndikati bhala *Guarantee* u esebiti bhala Dok. “S” sa Dok. “Z” minn fol. 63 sa fol. 94 tal-process u f’dan is-sens hija x-xhieda bl-affidavit tal-Prokuratur Legali datat 2 ta’ Gunju 2004 fejn l-istess paragrafu huwa

espressament citat kif jidher a fol. 171 sa 172 tal-process, ikkonfermat bix-xhieda ta' l-istess fis-27 ta' Ottubru 2004. Dan apparti li hija s-sentenza li tiddetermina jekk hemmx solidarjeta' jew le, u f'dan il-kaz ma hemm l-ebda dubju li l-okkju jirrispetta l-provi prodotti attrici, anke fid-deskrizzjoni ta' l-istess konvenuti. Ghalhekk din l-ewwel eccezzjoni qed tigi michuda.

Illi t-tieni eccezzjoni hija fis-sens li l-azzjoni hija nulla *stante* li qed jigi ecceppit li s-socjeta' attrici akkumulat ghall-gudizzju wiehed diversi talbiet naxxenti minn diversi rapporti guridici separati bejn is-socjeta` attrici u diversi persuni. Id-dritt Malti ma jikkontemplax illi ssir azzjoni fis-sens propost mis-socjeta` attrici b'mod illi l-kawza odjerna hija nulla.

Illi din l-eccezzjoni hija wkoll bla ebda fondament legali *stante* li kif saret l-azzjoni attrici huwa wiehed permess mill-ligi la darba hemm konnessjoni bejn it-talbiet imressqa u l-konvenuti u dan jista' jsir kemm permezz ta' l-**artikolu 759 tal-Kap 12** u wkoll meta l-attur jvanta diversi azzjonijiet kontra diversi konvenuti, mbasta jkun hemm konnessjoni bejniethom (**"Anthony Camilleri vs Citadel Insurance plc et"** (P.A. (GV) 25 ta' Frar 2005); **"Carmelo Sultana vs Nobbli Guido Sant Fournier"** (A.C. 4 ta' Marzu 1966) u f'dan il-kaz ma hemm l-ebda dubju li l-oggett tal-kawza huwa wiehed preciz u identifikabbli tant li l-bank attur qed jipprocedi kontra s-socjeta' konvenuta Lapsi Holdings Limited ghall-hlas ta' l-ammonti kollha dovuti minnha, li ghalihom dahlu garanti solidali l-konvenuti l-ohra kollha kif hemm indikat fid-dettal fic-citazzjoni attrici; u dan bl-ebda mod ma ppregudika lill-konvenuti li fehmu sew il-portata tac-citazzjoni attrici tant li pprezentaw ilkoll f'daqqa diversi eccezzjonijiet, li appuntu qed jigu trattati minn din il-Qorti, u liema eccezzjonijiet jindikaw li l-portata tac-citazzjoni attrici kienet cara sew ghalihom, u kull wiehed minnhom. Ghalhekk din l-eccezzjoni wkoll qed tigi michuda.

Illi din l-eccezzjoni hija fis-sens, li jekk tinghata sentenza kif mitlub fic-citazzjoni attrici kontra l-konvenuti bil-mod hemm indikat jista' jkun hemm abbuz *da parte* tas-socjeta'

attrici li tista’ titlob l-ammont kollu minghand kull wiehed mill-konvenuti jew iktar minn wiehed minnhom. Din l-eccezzjoni pero’ hija assolutament bla bazi u dan peress li l-possibbilta’ ta’ kreditur li jitlob il-hlas ta’ l-istess kreditu minghand diversi debituri marbutin *in solidum* hija kontemplata mill-ligi stess tant li l-**artikolu 1094 tal-Kodici Civili** jipprovdi li:-

*"L-obbligazzzjoni hija in solidum ghad-debituri meta huma kollha obbligati ghall-istess haga, b'mod li kull wiehed minnhom jista' jigi mgieghel ghall-hlas tad-dejn kollu, u l-hlas maghmul minn wiehed minnhom jehles lill-ohrajn lejn il-kreditur".*

Illi l-effett ta’ l-istess obbligazzjoni solidali huwa skond l-**artikolu 1096 tal-Kap 16** huwa li:-

*"Il-kreditur jista' jdur kontra kull min irid mid-debituri in solidum, b'ghazla tieghu, minghajr ma d-debitur ikun jista' jopponi l-beneficcju tal-qsim tal-obbligazzjoni".*

Illi tal-istess portata huma id-disposizzjonijiet tal-istess **Kodici Civili "FUQ IL-GARANZIJA"**, tant li l-**artikolu 1935 tal-istess Kap 16** jipprovdi li:-

*"Il-beneficcju ta' l-eskussjoni ma jghoddx-*

*(b) jekk il-garanti jkun obbliga ruhu in solidum mad-debitur".*

Illi l-istess jinghad fl-**artikolu 1937 tal-Kap 16** fejn hemm car stipulat li:-

*(1) "Meta tnejn min-nies jew izjed jidhlu bhala garanti ta' l-istess debitur u ghall-istess dejn, kull wiehed minnhom ikun obbligat ghad-dejn kollu".*

*(2) "Izda, kull wiehed minnhom jista', kemm-il darba ma jkunx irrinunzja ghall-beneficcju tal-qsim tad-dejn, <u>jew ma jkunx obbliga ruhu in solidum mad-debitur</u>, jitlob li l-kreditur jaqsam l-azzjoni tieghu u jnaqqasha ghas-sehem ta' kull wiehed mill-garanti.*

Illi ovvjament l-istess garanti li jhallas id-dejn ghandu dritt ta' regress kontra l-garanti solidali l-ohra ghal sehemhom skond l-**artikolu 1949** u anke kontra d-debitur principali skond l-**artikolu 1942,** pero' dan huwa mertu ta' azzjoni ohra u mhux dik prezenti u hawn issir riferenza ghas-sentenza **“Charles Bonnici et vs Anna Farrugia”** (P.A. (RCP) – 2 ta’ Ottubru 2001). Jinghad ukoll li kif gie ritenut fis-sentenza **“Bank of Valletta p.l.c. vs Wilcluad Company Limited”** (P.A. 3 ta’ Ottubru 2003):-

*“Meta l-garanzija tkun wahda solidali hu mholli fid-diskrezzjoni assoluta tal-kreditur li jipprocedi kontra kull wiehed mid-debituri in solidum, u d-debitur ma ghandux dritt iressaq l-eccezzjoni tal-beneficcju ta’ l-esklussjoni. Dan jipprovdi ghalih l-Artikolu 1096 tal-Kodici Civili. Jekk jista’ jdur kontra kull wiehed mid-debituri solidali, jista’ jdur kontra taghhom f’daqqa. Kieku dan ma sarx il-probabbilta’ hi li kondebitur maghzul kien isejjah lill-kondebituri l-ohra fil-kawza”.*

Illi r-raba’ eccezzjoni fejn jinghad li l-azzjoni attrici odjerna kif imposta sejra tikkrea diffikultajiet legalment insormontabbli ta’ esekuzzjoni generali mill-pluralita` ta’ rapporti giuridici mertu tal-kawza ma hijiex strettament il-mertu ta’ l-azzjoni odjerna ghaliex hawn qed issir referenza ghall-esekuzzjoni tas-sentenza li ma hijiex ic-citazzjoni attrici u ghalhekk din l-eccezzjoni hija kompletament bla ebda bazi legali u mhix pertinenti ghall-proceduri odjerni; ovvjament jekk u meta ssir l-esekuzzjoni ta’ din is-sentenza huwa ovvju li jekk il-konvenuti jigu b’xi mod pregudikati ghandhom diversi mezzi procedurali sabiex jissalvagwardjaw l-interessi taghhom inkluz dak propost fl-**artikolu 283 A tal-Kap 12,** izda certament li dan mhux il-mertu ta’ din l-azzjoni. Ghalhekk din ir-raba’ eccezzjoni qed tigi michuda.

Illi dwar il-hames u s-sitt eccezjoni dawn ser jigu trattati flimkien anke *in vista* ta’ dak verbalizzat fis-seduta tat-8 ta’ Novembru 2005 a fol. 249 tal-process, u kif indikat iktar il-fuq f’din is-sentenza. F’dan il-kuntest din il-Qorti wkoll tirreferi ghal dak li inghad iktar il-fuq f’din is-sentenza fejn

inghad li fil-waqt li s-socjeta' attrici ppruvat l-allegazzjonijiet taghha, anke f'dan ir-rigward, ma hemm l-anqas l-icken prova ta' dak allegat mill-konvenuti u fil-fatt l-ebda xhieda u/jew dokument ma ingab mill-istess konvenuti f'dan is-sens, b'dan li jista' jinghad li l-konvenuti bl-ebda mod ma ppruvaw l-allegazzjonijiet minnhom vantanti; anzi l-prova attrici kienet tali li tikkontradixxi din l-allegazzjoni konvenuta u ghalhekk ghal din ir-raguni wkoll dawn l-eccezzjonijiet qed jigu michuda.

Illi f'dan il-kuntest jinghad li hemm l-*istatements* kollha relattivi u x-xhieda ta' Sharon Camilleri tal-25 ta' Novembru 2005 (fol.254) li tikkonferma li l-interessi ghal dak li huwa self kienu dawk semplici fil-waqt li fil-kaz ta' *overdraft* l-interess huwa kompost u dan sakemm kien hemm *"call in"* u wara dan l-interessi huma mahduma b'mod semplici. Illi d-dokumenti kollha esebiti mis-socjeta' attrici u mill-istess xhieda minnha prodotti jikkonfermaw dan u l-konvenuti bl-ebda mod ma gabu xi prova li tikkontradixxi l-istess.

Illi f'dan l-kuntest issir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **"Mid Med Bank Limited et vs Teg Industries Limited et"** (P.A. (RCP) deciza fil-29 ta' Novembru 2001) fejn inghad:-

(1) Illi l-obbligazzjoni *"de quo"* ta *"overdraft facilities"* hija obbligazzjoni ta' natura kummercjali, u ghalhekk hija regolata skond l**-artikolu 3 tal-Kap 17**, u ghalhekk regolata mill-**Kodici Kummercjali**, u fin-nuqqas ta' disposizzjonijiet *"ad hoc"* mill-uzu kummercjali, u fin-nuqqas ta' dan l-uzu, tapplika il-ligi Civili.

(2) Illi ghalhekk, **l-artikolu 1142 tal-Kap 16** japplika biss jekk fil-**Kap 17** ma hemmx disposizzjoni *"ad hoc"* dwar l-istess imghax, u jekk m'hemmx uzu kummercjali li jirregola il-materja, *stante* li l-**artikolu 3 tal-Kap 17** jistabbilixxi mhux biss l-emanazzjoni tal-Ligi Kummercjali, imma ukoll l-ordni li trid tigi segwita, cioe', l-ewwel il-Kodici Kummercjali, imbaghad l-uzu kummercjali, u biss fin-nuqqas, il-Kodici Civili.(**"Dennis Degiorgio nomine vs**

**Nobbli Guido Sant Fournier *nomine*" -** K. 1 ta' Ottubru 1980**.)**

(3) Illi stabbilit dan, jirrizulta li dan il-punt ma huwiex trattat fil-Kodici Kummercjali, u ghalhekk wiehed irid jindaga jekk jezistix uzu kummercjali f'dan ir-rigward; u fil-fatt skond is-sentenzi nostrani ma hemmx dubju li tali uzu kummercjali jirrizulta sancit, stabbilit, rikonoxxut u segwit, tant li fil-kawza **"Dr. Joseph Agius M.D. nomine vs Dr. Carmel Agius et nomine"** (P.A. (G.S.) 20 ta' Marzu 1979) l-istess Qorti sostniet illi:-

*"Fil-gurisprudenza lokali din is-sistema ta' komputazzjoni (li l-imghaxijiet jigu mizjuda mal-kapital, fuq il-bilanc ta' kuljum, kull sitt xhur, u b'hekk l-imghaxijiet isiru jifformaw parti mill-kapital) giet accettata bhala li hi permessa u skond l-uzu, u b'hekk hija legali u hu utili li ssir riferenza ghas-sentenzi riportati fil-***Vol. XXVII.i.826; XXX.iii.483** *u ghas-sentenza deciza minn din il-Qorti fil-15 ta' Jannar 1979, fl-ismijiet* **"Cecil Busuttil vs Spiteri Debarro".**

Infatti fis-sentenza appena citata intqal li:-

*"Din is-sistema ta' komputazzjoni tal-imghaxijiet f'konti kurrenti (overdrafts) hi legali kif hafna drabi gie deciz mill-Qrati Taghna (*Ara. Koll. Decizjonijiet **XVIII.iii.53; XXVII.i.826; XXVIII.iii.910; XXX.iii.840)"** (ukoll **"John Scicluna vs Dr. Michele Tufigno et nomine"**- K. 25 ta' April 1940 - **XXX. 480).**

Ineffetti a bazi tad-decizjoni "**Konkors tal-Kredituri numru 1/1984 ta' Anthony Debono nomine"** (A.K. 29 ta' April 1993) inghad illi *" skond il-gurisprudenza l-imghaxijiet li joriginaw minn kont kurrent, ladarba jigu kapitalizzati skond kif trid il-ligi, dawn jitilfu in-natura taghhom ta' imghax u jikkostitwixxu kapital iehor gdid- kif hemm fis-sentenza tal-Qorti Civili Prim'Awla tat-30 ta' April 1947, fl-ismijiet* ***"Edwin Vassallo nomine vs Salvatore Ballucci"*** *(XXXIII.ii.64.)".*

Illi dawn is-sentenzi gew segwiti mis-sentenzi aktar ricenti tal-Qrati Taghna, bhal **"Dr. Grazio Mercieca nomine vs Joseph Cassar nomine et"** (M. 6 ta' Ottubru 1994); **"Dennis Degiorgio nomine vs Nobbli Guido Sant Fournier"** (J.A. 1 ta' Ottubru 1980.); **"Paul Azzopardi nomine vs Guido Falzon et."** (A.K. 20 ta' Lulju 1994.) **u "Joseph Mary Farrugia vs Gontram Borg"** (A.K. 12 ta' Frar 1988).

(4) Illi f'din l-ahhar sentenza intqal pero' li jekk il-bank iwaqqaf tali *overdraft facilities*, skond it-termini tal-kuntratt tieghu, u jaghmel ***"call in",*** u ma jhallhix lill-istess debitur jaghmel izjed uzu minn tali facilitajiet, l-istess bank ma ghandu ebda dritt li jaddebita lill-klijent bl-imghaxijiet komposti skond il-prattika bankarja, u dan a bazi tas-sentenzi gia citati "**Cecil Busuttil vs Alfred Spiteri Debarro" u "Dr. Joseph Agius M.D. vs Dr. Carmel Agius et" u "Paul Azzopardi vs Guido Falzon et"** (A.K. 20 ta' Lulju 1994) ghaliex mal-kjuzura jew gheluq tal-kont kurrenti (*overdraft*) l-imghax ghandu jigi ikkalkolat bis-sistema normali stabbilita fil-Kodici Civili.

Illi fil-fatt dan huwa konsistenti ma dak li inghad fis-sentenzi ta' din il-Qorti kif presjeduta fl-ismijiet **"Bank of Valletta p.l.c. vs George Fava"** (P.A. (RCP) - 13 ta' Jannar 2000) - fejn tirrizulta gurisprudenza nostrali estensiva citata li fil-maggior parti taghha huma konsistenti f'dak li jirrigwarda l-istess kuncett u l-principju li jirregolaw l-istess materja - u fis-sentenza **"Bank of Valletta p.l.c. vs Alfred Dalli"** (P.A. (RCP) 28 ta' Ottubru 1999) u **"Bank of Valletta Limited vs Anna's Trading Company Limited et"** (A. C. – 6 ta' Dicembru 2002); u **"APS Bank Limited vs Colcam International Marketing Associates Limited et"** (P.A. (RCP) 6 ta' Frar 2003); **"Rudolph Xuereb *nomine* vs Michael Camilleri et *nomine*"** (P.A. 27 ta' Gunju 2003).

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li s-socjeta' attrici segwiet il-principji fuq stabbiliti, u *inoltre'* l-konvenuti naqsu li jippruvaw tali eccezzjoni *stante* li jidher li l-**artikolu 1850** bl-ebda mod ma gie mittiefes *stante* li fil-limiti fuq indikati u ghall-kaz ta' *overdraft facilities* jezistu l-principji fuq

elenkati u b'hekk dawn l-eccezzjonijiet ukoll ghandhom u qed jigu rigettati.

Illi dan qed jinghad apparti dak li gara f'din il-kawza b'effett tad-digriet tal-24 ta' Novembru 2004 u wara l-provvediment ta' din il-Qorti datat 28 ta' Novembru 2005 li ghalih issir riferenza li huwa, anke fuq binarju iehor, fatali ghat-tezi tal-konvenuti u ghalhekk anke ghal dawn ir-ragunijiet il-hames u s-sitt eccezzjoni tal-konvenuti ghandha tigi michuda.

Illi s-seba' eccezzjoni tal-konvenuti hija fis-sens li l-garanziji moghtija mill-konvenut William Caruana, Charles Camilleri, Edward Ellul, Kim Berglund Ellul u Cloisters Walk Limited ma humiex solidali mad-debitur principali Lapsi Holdings Limited billi l-imsemmija socjeta` Lapsi Holdings Limited ma dehertx fuq id-diversi skritturi ta' garanzija u accettat il-garanzija hemm moghtija bhala solidali maghha. Ghalhekk l-istess konvenuti garanti jitolbu l-beneficcju ta' l-eskussjoni.

Illi din l-eccezzjoni wkoll hija nfondata fil-fatt u fid-dritt *stante* li l-**artikolu 1928 tal-Kap 16** jipprovdi li:-

*"(1) Wiehed jista' jidhol garanti solidali minghajr ma tkun talbet jew ukoll minghajr ma tkun taf il-persuna li ghaliha jobbliga ruhu".*

*"(2) Wiehed jista' wkoll jidhol garanti mhux biss tad-debitur principali izda wkoll tal-garanti tieghu".*

Illi ghalhekk din is-seba' eccezzjoni qed tigi michuda.

Illi dwar it-tmien eccezzjoni hawn il-konvenuti ecceppew li l-garanzija moghtija mill-konvenuti kollha (hlief naturalment is-socjeta` Lapsi Holdings Limited) ma jwassalx ghal solidalita` bejn id-diversi garanti billi ma giet miftehma ebda solidalita` bejniethom.

Illi pero' l-istess skritturi privati (**"Spiridione Xuereb vs John Zimelli"** A.K. 11 ta' Ottubru 1926 – Vol. XXVI.i.129)

iffirmati mill-istess konvenuti (hlief is-socjeta' Lapsi Holdings Limited) kollha jipprovdu li:-

*"I/we the undersigned hereby jointly and severally with the Principal, guarantee to the (Bank) the payment and undertake on demand in writing made on the undersigned by your or any of your Directors, General Manager, Managers or acting Managers to pay all sums of money which may now be or which hereafter may from time to time become due or owing to you anywhere from or by the Principal either as principal or surety and either solely or jointly with any other person……"*

Illi dan huwa bizzejjed biex taqa' din l-eccezzjoni pero' jinghad li hemm ukoll l-**artikolu 937 tal-Kap 16** li jipprovdi li:-

*"(1) Meta tnejn min-nies jew izjed jidhlu bhala garanti ta' l-istess debitur u ghall-istess dejn, kull wiehed minnhom ikun obbligat ghad-dejn kollu.*

*(2) Izda, kull wiehed minnhom jista', kemm-il darba ma jkunx irrinunzja ghall-qsim tad-dejn, jew ma jkunx obbliga ruhu in solidum mad-debitur, jitlob li l-kreditur jaqsam l-azzjoni tieghu u jnaqqasha ghas-sehem ta' kull wiehed mill-garanti".*

Illi ghalhekk din it-tmien eccezzjoni qed tigi michuda ghaliex ukoll infondata fil-fatt u fid-dritt.

Illi d-disa' eccezzjoni hija fis-sens li la darba s-self sar permezz ta' att pubbliku s-socjeta' attrici messa mxiet permezz ta' ittra ufficjali, izda din l-eccezzjoni hija manifestament bla bazi peress li ma hemm l-ebda regola li torbot lis-socjeta' attrici sabiex ma taghmilx azzjoni kontra l-konvenuti; dan apparti li tali procedura ma hijiex applikabbli sabiex debitu fuq *overdrafts* jigi rez esegwibbli (**"Daniel Cremona nomine vs Janet Mixter"** (K – Lulju 1975), l-istess kuntratti esebiti ma jistipulawx rata ta' imghax specifika, b'dan li l-imghax dekorribbli irid jigi kanonizzat b'sentenza, u whud mill-ammonti versati mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta gew hekk moghtija

wara l-iffirmar tal-kuntratti (**"William Warrington nomine vs Consiglio Sciberras"** (K (JDC) – 8 ta' Lulju 1985) – fejn inghad li l-kuntratt ta' *overdraft facilty* ma ghandux ir-rekwiziti kollha elenkati fl-**artikolu 251 (b) tal-Kap 12**). Ghalhekk din l-eccezzjoni wkoll qed tigi michuda.

Illi l-ahhar eccezzjoni hija fis-sens li l-azzjoni attrici inkwantu diretta kontra l-konvenuti kollha, hlief is-socjeta' Lapsi Holdings Limited, hija preskritta abbazi ta' l-**artikolu 2156 (f) tal-Kap 16** li jipprovdi li:-

*"L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames snin:*

*(f) l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skond din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku."*

Illi din l-eccezzjoni tirreferi ghal dawk l-iskritturi ta' garanziji li huma datati rispettivament 18 ta' Lulju 1996 (Dok. "S"), 11 ta' Settembru 1996 (Dok. "W"), u 26 ta' Lulju 1996 (Dok. "Y)  meta l-kawza saret fl-24 ta' Lulju 2002. Ma tapplikax ghall-iskritturi l-ohra datati 10 ta' Awissu 1999 (Dok. "T" iffirmati mill-konvenuti William Caruana, Charles Camilleri u Edward Ellul; dik datata 15 ta' Dicembu 1999 iffirmata minn William Caruana (Dok. "U"); dik datata 17 ta' Ottubru 1998 u ffirmata minn Charles Camilleri, u zewg skritturi datati 15 ta' Dicembru 1998 iffirmati rispettivament minn Edward Ellul (Dok. "X") u William Caruana u Edward Ellul ghan-nom tas-socjeta' Cloisters Walk Limited (Dok. "Z".

Illi izda jinghad li fl-ewwel lok din l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni ma hijiex kompatibbli ma' whud mill-eccezzjonijiet l-ohra moghtija mill-konvenuti inkluza dik li sostniet li l-ammont mitlub huwa esegerat  u dan ghaliex kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **"Lorry Cuschieri vs l-Onor. Ministru tal-Ambjent et"** (A.C. – 25 ta' Frar 2005) li meta *"wahda mill-eccezzjonijiet solevati mill-konvenut tkun dik ta' kompensazzjoni jew li l-ammont reklamat mill-*

*attur ma jkunx dovut lilu <u>fl-ammont minnu mitlub</u> (u ghalhekk f'xi ammont inqas), allura jkun hemm rinunzja tacita tal-preskrizzjoni b'mod li jkun hemm inkompatibbilta' bejn l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u l-ammont mitlub mhux dovut"*

Illi fil-fatt fis-sentenza **"Peter Busuttil vs Public Broadcasting Services Limited"** (A.C. – 28 ta' April 2004) inghad li:-

*"Kif manifest f'dawn is-sentenzi, jezistu sitwazzjonijiet fejn il-preskrizzjoni eccepita ma jibqalha l-ebda valur meta din takkompanja eccezzjoni ohra li maghha hija nkonciljabbli u nkompatibbli. Dan jigri, tipikament, fejn bhal fil-kaz de quo, l-attitudini tad-debitur ma tkunx dik tad-difiza ta' l-inezistenza tad-debitu….jew tac-cahda tad-dritt l-azzjoni tal-attur izda ghas-semplici kontestazzjoni tal-ammont. Konformament bhal fil-kaz tal-eccezzjoni tal-kompensazzjoni, eccezzjoni konsimili timporta rikonjizzjoni tad-dejn u dan ir-rikonoxximent jinterrompi l-preskrizzjoni, u jimporta wkoll rinunzja ghall-preskrizzjoni li tkun gja kompjuta…..".*

Illi ma hemmx dubju li f'dan il-kuntest t-tielet, il-hames u sitt eccezzjonijiet huma inkompatibbli ma' din l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni u anke abbazi ta' dak li gie ritenut fis-sentenzi fuq citatati u dik fl-ismijiet **"Aluminium Limited vs Earli Limited"** (A.C. – 16 ta' Frar 2004) ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi rigettata.

Illi apparti dan din il-Qorti tilqa' s-sottomissjonijiet tas-socjeta' attrici fis-sens li skond l-**artikolu 2137 tal-Kap 16** l-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda tghaddi mill-gurnata li fiha l-azzjoni tista' tigi ezercitata (**"Mario Lapira vs C & A Company Limted"** (A.I.C. (PS) – 2 ta' Gunju 2003) u f'dan il-kaz l-garanzija tal-konvenuti setghat tigi ezercitata biss wara li l-ammonti jsiru dovuti mid-debitur principali u wara li ssir talba bil-miktub lill-garanti biex ihallsu, b'dan li *"ghall-fini ta' preskrizzjoni, huwa z-zmien li fih kellu jsir il-hlas li jghodd u mhux id-data ta' meta s-self inholoq".* **"Emmanuel Bonello nomine vs Robert Eminyan et"** (P.A. (TM) – 9 ta' Ottubru 2003). Ghalhekk din l-ghaxar

eccezzjoni tal-preskrizzjoni abbazi ta’ l-**artikolu 2156 (f) tal-Kap 16** qed tigi michuda.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti u b’hekk tichad ukoll l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni abbazi ta’ l-**artikolu 2156 (f) tal-Kap 16** sollevata mill-konvenuti William Caruana, Edward Ellul, Kim Berglund Ellul, u s-socjeta’ Cloisters Walk Limited, u dan ghar-ragunijiet premessi hawn decizi u ghaliex infondati fil-fatt u fid-dritt, **tilqa’ t-talbiet attrici kif hawn deciz** b’dan illi:-

1) Tikkundanna lill-kumpanija konvenuta Lapsi Holdings Limited, debitrici principali, thallas lill-istess Bank attur is-somma ta' tmien mija u tlieta u erbghin elf u tliet mija u hmistax-il Lira Maltija u hamsin centezmu (LM843,315.50) fuq imsemmija dovuta kif intqal fuq, *oltre* l-imghax mid-29 ta' Marzu 2002;

2. Tikkundanna wkoll lill-konvenut William Caruana garanti solidali, solidalment mal-kumpanija konvenuta debitrici principali kif ukoll mal-garanti l-ohra kollha jhallas lill-istess Bank attur l-ammont ta' miljun u tlett elef Lira Maltija (LM1,003,000.00,0) fuq imsemmi minnu garantiti u formanti parti mis-somma globali ta' miljun, tlettax-il elf u tliet mija u hmistax-il Lira Maltija u hamsin centezmu (Lm1,013,315.50) u dovuta kif intqal qabel, *oltre* l-imghax kif qabel spjegat;

3. Tikkundanna wkoll lill-konvenut Charles Camilleri garanti solidali, solidalment mal-kumpanija konvenuta debitrici principali kif ukoll mal-garanti l-ohra kollha jhallas lill-istess Bank attur l-ammont ta' disa' mija u tnejn u tletin elf u tmien mitt Lira Maltija (Lm932,800) fuq imsemmi minnu garantit u formanti parti mis-somma globali ta' miljun, tlettax-il elf u tliet mija u hmistax-il Lira Maltija u

hamsin centezmu (LM1,013,315.50) fuq imsemmija u dovuta kif intqal qabel *oltre* l-imghax kif qabel spjegat;

4. Tikkundanna wkoll lill-konvenut Edward Ellul garanti solidali, solidalment mal-kumpannija konvenuta debitrici principali kif ukoll mal-garanti l-ohra kollha ihallas lill-istess Bank attur l-ammont ta' miljun u tlett elef Lira Maltija (LM1,003,000.00) fuq imsemmi minnu garantiti u formanti parti mis-somma globali ta' miljun, tlettax-il elf u tliet mija u hmistax-il Lira Maltija u hamsin centezmu (LM1,013,315.50) fuq imsemmija u dovuta kif intqal qabel, *oltre* l-imghax kif qabel spjegat;

5. Tikkundanna wkoll lill-konvenuta Kim Burglund Ellul, mart Edward Ellul garanti solidali, solidalment mal-kumpanija konvenuta debitrici principali kif ukoll mal-garanti l-ohra kollha thallas lill-istess Bank attur l-ammont ta' mija u tlieta u sittin elf u tmien mitt Lira Maltija (Lm163,800) fuq imsemmi minnha garantiti u formanti parti mis-somma globali ta' miljun, tlettax-il elf u tliet mija u hmistax-il Lira Maltija u hamsin centezmu (LM1,013,315.50) fuq imsemmi u dovuta kif intqal qabel *oltre* l-imghax kif qabel spjegat;

6. Tikkundanna wkoll lill-kumpannija konvenuta Cloisters Walk Limited garanti solidali, solidalment mal-kumpanija konvenuta debitrici principali kif ukoll mal-garanti l-ohra kollha thallas lill-istess Bank attur l-ammont ta' disa' mija u hamsa u hamsin elf lira Maltija (Lm955,000) fuq imsemmi rapprezentanti l-ammonti minnha garantiti u formanti parti mis-somma globali ta' miljun, tlettax-il elf u tliet mija u hmistax-il Lira Maltija u hamsin centezmu (LM1,013,315.50) fuq imsemmi u dovuta kif intqal qabel oltre l-imghax kif qabel spjegat;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------